# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Erbgha 5 ta' Gunju 2019**

**Kaz Numru 482/2019/LSO**

**Runza Fabrizio et**

**vs**

**Polidano Brothers Ltd et**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Fabrizio Runza et tas-16 ta' Mejju 2019;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Mejju 2019 fejn iddisponiet billi ordnat li l-Marixxall jigi prodott biex jixhed quddiem din il-Qorti dwar ir-riferta, nhar id-29 ta' Mejju 2019, fl-10.15 am.

Semghet ix-xhieda tal-Marixxall Marco Bonnici fis-seduta imsemmija;

Ikkonsidrat li permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat li nhar id-9 ta' Mejju, 2019, sehh rifjut tan-notifikamaghmula lis-socjeta` intimata Ebcon Holdings Limited *ai termini* tal-artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li l-imsemmija socjeta' ghandha titqies bhala notifikata bl-Ittra Ufficjali numru 1477/19 meta sehh dan ir-rifjut.

Illi l-Marixxall Marco Bonnici kkonferma r-riferta tieghu tad-9 ta' Mejju 2019 fuq l-ittra ufficjali, *a tergo,* esebita in atti numru 1477/19. Xehed li meta mar fuq il-post fl-indirizz indikat sab lil certu Kevin Ellul li infurmah li mhux ser jaccetta atti ghaliex m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma’ din il-kumpannija imsemmija. Ikkonferma li nizzel dak li qallu Kevin Ellul, testwalment "*Gejt informat minn Kevin Ellul li qalli li ma jistax izomm l-Att."*

Qal ukoll li rega' mar lejliet is-seduta u gie infurmat minn Charles Ellul li hu Direttur ta' Elbros, li qal li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma’ Ebcon Holdings Limited u hadd m'ghadu imur fl-indirizz imsemmi, la Diretturi u lanqas haddiema (riferta esebita datata 28-5-2019).

Illi r-rikorrenti gew awtorizzati jesebixxu estratt mis-sit elettroniku tar-Registru tal-Kumpanniji fil-mori, u dan, esebit b'nota tat-30 ta' Mejju 2019, juri li l-indirizz registrat tal-kumpannija Ebcon Holdings Limited (C 9368) huwa f'"*Elbros"*, fi Triq l-Industria, Kirkop, Malta, li huwa l-indirizz indikat fuq l-att tan-notifika in mertu.

Rat il-*proviso* tal-**artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ikkonsidrat li l-indirizz tan-notifika huwa l-indirizz registrat tal-kumpannija u ghalhekk m'ghandha l-ebda raguni ghaliex taccetta li r-rifjut tal-persuna adulta li instab f'dan l-indirizz halla wiehed legittimu fic-cirkostanzi. Inoltre tqies li s-socjeta' Ebcon Holdings ghandha r-responsabbilita' biex taccerta li r-registrazzjoni tal-indirizz ufficjali taghha hija wahda korretta, u f'dan il-kaz, din ir-registrazzjoni ma inbidlitx.

Kwindi terzi persuni ghandhom il-jedd li jistriehu fuq dan l-indirizz ghall-finijiet tan-notifika ta' atti gudizzjarji.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba kif dedotta u tiddikjara li s-socjeta' Ebcon Holdings Limited ghandha titqies li giet notifikata bl-ittra ufficjali 1477/19 fl-indirizz tas-socjeta' intimata imsemmija fid-9 ta' Mejju 2019 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**5 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju 2019**